**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 12 ta' Dicembru 2001**

**Rikors Nru: 109/99B**

**Carmelina Borg u Juliet Wismayer ahwa Galea**

**Vs**

**Filippa Bonello**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponenti qalu:

Illi huma jikru lill-intimata l-mahzen bla numru li jinsab fi Triq Ebona, Zebbug u dan bil-kera ta' Lm16 fis-sena li tithallas sitt xhur bil-quddiem l-ewwel skadenza fil-15 ta' Frar 2000.

Illi huma saru jafu li l-intimata assenjat, williet jew issullokat lil terzi l-mahzen in kwistjoni u dan minghajr il-kunsens tal-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li ghar-ragunijiet fuq migjuba dan il-Bord joghgbu jizgombra lill-intimata mill-imsemmi fond.

Ra r-risposta ta’ l-intimata:

Illi l-esponenti tikri minghand ir-rikorrenti il-fond numru 15 fi Triq Ebona, Zebbug u dana versu l-kera ta' tminn (Lm8) liri fis-sena, mhux sittax kif indikat

mir-rikorrenti fir-rikors taghhom, u dana sabiex l-istess fond konsistenti f' kamra u kantina jintuza bhala mahzen.

Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrebti fir-rikors fl-ismijiet premessi, l-esponenti ma' ghamlet ebda assenjazzjoni, twellija jew sullokazzjoni tal-fond mertu tar-rikors odjern u sahansitra l-istess fond ghadu jintuza ghal istess skopijiet li nkera u cioe' bhala store jew mahzen.

Ghaldaqstant, l-esponenti qedha umilment titlob lil dan il-Bord jghogbu jichad t-talbiet tar-rikorrenti.

Sema x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ra l-verbal tas-7 ta' Novembru 2001;

Ikkunsidra,

1. Ir-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond mikri lill-intimata, post zghir, fejn hemm xi ghamara u fejn f' xi zmien l-intimata kienet taghmel xi xoghol ta' hjata. Ir-rikorrenti jallegaw li l-kirja ghaddiet ghand ir-ragel ta' oht l-intimata (fol 24). Il-kirja saret fl-1951. Minn ktieb ta' rcevuti muri lill-Bord mill-intimata jirrizulta li

(a) fid-29 ta' Frar 1996 Filippo Bonello hallas is-somma ta' sittax-il lira Maltija (Lm16) kera ghall-perjodu 11 ta' Awissu 1994 – 10 ta' Awissu 1996 lil Dr. Karmenu Mifsud Bonnici f' isem ir-rikorrenti.

(b) Fit- 12 ta' Dicembru 1996 Filippo Bonello hallas il-kera ghall-perjodu 11 ta' Awissu 1996 – 10 ta' Awissu 1997; f' isem ir-rikorrenti iffirma Dr. Karmenu Mifsud Bonnici.

(c) fit-2 ta’ Ottubru 1998 Filippa Bonello hallset tmien liri (Lm8) bhala kera ghall-perjodu 11 ta’ Awissu 1997 – 10 ta’ Awissu 1998 liz-zewg rikorrenti.

2. Filippa Bonello jigi hu l-intimata Filippa Bonello. Ir-ragel ta’ oht l-intimata hu Philip Attard li miet fl-1999 f’ gunju. Omma l-intimata mietet ghall-habta ta’ l-1991.

3. L-intimata fix-xhieda taghha tghid li

> “Jiena lil Philip Attard qatt ma krejtlu kmamar imbaghad meta abbandunajt il-kamra kellu xi affarijiet, qalli nista’ npoggihom daqsxejn hemmhekk, ghidtlu poggihom hux daqshekk” (fol 30)

Qabel fuq il-mistoqsija

> “Issa r-ragel t’ ohtok jekk joghgbok, tghidilna xi haga dwaru?”

Twegiba:

> “Dana r-ragel t’ ohti, jiena dik il-kamra kont norqod fiha u kont anke noqghod inhit go fiha, kont ghamiltha sabiha hafna, pero’ kien hemm xebba mietet hemmhekk fi zmien twil ilu kienet marida bit- TB u kif mietet harguha u la xeghlu xemgha u xejn u jien……” (fol 28)

4. Mix-xhieda mhawwda tal-intimata jirrizulta zgur li hi abbandunat il-post li ghadda ghal kollox f’ idejn ir-ragel ta’ ohtha. Issemmi okkazzjoni fejn “darba gew hamest irgiel” biex jaraw il-fond.(fol 31) Ma dawn kien hemm ir-ragel ta’ ohtha li ried jixtri l-fond

> “Mar ir-ragel t’ ohti jurihom il-kamra, qallhom tridu tbieghuli, talbuh erbat elef lira u mbaghad tahom erba’ mija, qalilhom jekk taghtuhieli, erba’ mija, jien nehodha il-kamra; qabez wiehed minnhom qallu, jiena lanqas xejn ma rrid. Issa minn kienu dawn il-hamest irgiel ahwa ma nafux.” (fol 32)

Mistoqsija x’ interess kellu r-ragel t’ ohtha fil-fond tghid

“ghax ried jixtrih……..ried jixtrih bhala speci hekk ried jixtriha.” (ibid)

5. Dwar ic-cavetta, l-intimata hi kontradetta minn ohtha Gemma Attard li tghid li c-cavetta tkun ghand ohtha ghalkemm wara tghid “tkun ghandha u tkun ghandi.” (fol 30). Il-Bord ma jistax jemmen lill-intimata li l-kera kienet iggiebha minn flus taghha li qeghdin fid-dar ta’ ohtha u zewgha. Il-flus kienu jinghatawlha minn ohtha u zewgha ghax il-kirja kienet ghaddiet f’ idejhom. Huha xtaq ibiegh il-post.

6. Il-verzjoni ta’ kif graw l-affarijiet hija moghtija minn naha tar-rikorrenti. L-intimata ghaddiet il-kirja lil huha li kien izomm ic-cavetta tal-fond, jaghti l-kera lil ohtu biex hi tghaddiha lis-sidien. L-intimata halliet fil-fond xi ghamara li maz-zmien qdiemet u li fiha hi ma kellha ebda interess biex taparsi qed tuza l-fond.

Billi jirrizulta li l-intimata assenjat, williet jew issulloakt il-kirja lil terzi l-Bord jawtorizza lir-rikorrenti li jirriprendu pussess tal-fond/mahzen bla numru li jinsab fi Triq Ebona, Haz-Zebbug; ghall-fini ta’ l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta’ tlett (3) xhur m’ illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

Dep.Reg Magistrat